# Reverendu Monsinjur Maurice Grech

## (1924-2003)

*minn Dr. Christopher P. GRECH (neputi)*

**Maurice** Grech twieled fl-4 t'Awwissu 1924, u bħaż-żewġ ħutu l-oħra akbar minnu, Tony u Leslie, twieled ġewwa l-Gżejjer Seychelles fl-Oċean Indjan. Dan minħabba li f'dawk iż-żminijet, missieru, *Squadron Leader* Dr. Wyndham Grech LL.D., kien qed jaħdem fis-Servizz Legali tal-Kolonji. Ftit wara it-twelid tiegħu, il-familja marru l-Eġittu u wara ftit snin, ġew Malta, u flimkien maż-żewġ ħutu attenda l-Kulleġġ *St. Edward's*. Maurice spiċċa l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ *St. Edward's* bħala *Head Boy* u mhux għal sena waħda, imma għal sentejn konsekuttivi - ħaġa li kienet rari.

Waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, il-Kulleġġ mill-Kottonera mar l-Imdina għar-raġunijiet ta' aktar sigurtà, u kienu ospitati fejn illum hemm il-Mużew tal-Katidral. Darba waħda, jirrakkonta hu stess, waqt li kien sejjer bir-rota mill-Imdina għal tas-Sliema biex imur jara lill-familja tiegħu, ajruplan tal-gwerra Ġermaniż *Messerschmitt* beda jispara bl-addoċċ u Maurice kellu jistkenn f'gandott ma' ġenb tat-triq!


*Mons. Rev. Maurice Grech.*

Wara li missieru kien laħaq Deputat *Judge Advocate* fil-*Mediterranean Headquarters* fil-Kajr, Maurice flimkien ma' ommu Julia u ż-żewġ ħutu bniet iżgħar minnu, Myra u Joan, reġgħu ngħataw l-opportunità li jirritornaw l-Eġittu. Għal tliet darbiet marru Ħal Luqa biex jaqbdu l-ajruplan għall-Kajr, iżda fit-tliet okkażjonijiet ma setgħux jitilqu minn Malta minħabba attakki mill-ajru. Ftit xhur wara li kienu l-Kajr, il-familji tas-servizz kellhom imorru l-Afrika t'Isfel peress li l-forzi ta' *Field Marshal Rommel* kienu perikolożament qrib il-Kajr.

Għalkemm Maurice kien jixtieq li jsir saċerdot sa minn età żgħira, hu xorta waħda ngħaqad mal-*Coastal Defence Corps* (fl-Afrika t'Isfel huma ekwivalenti għall-*British Home Guard*). Matul dan iż-żmien hu attenda *Bren Gun Instructur's Course* u ġie mogħti distinzjoni. Immedjatament kiteb lil missieru biex jagħtih il-permess jingħaqad ma' l-armata. Dan minħabba li hu kien għadu taħt it-tmintax-il sena. Missieru taħ il-permess u għalhekk Maurice ngħaqad ma' l-Armata bħaż-żewġ ħutu subien.

Meta kien mistoqsi ma' liema reġiment xtaq imur, Maurice għażel l-iktar reġiment affaxxinanti li qatt kien sema' bih u infatti kien baqa' mistagħġeb kif tawh ir-reġiment propju li xtaq. Huwa ngħaqad ma' l-*11th Hussars* fl-Italja eżatt waqt li r-reġiment kien ser jitlaq għas-*Second Front*. Il-Kurunell responsabbli, peress li nnota li Maurice kien jaf jitkellem tajjeb ħafna bit-Taljan, bagħtu għand il-*King's Dragoon Guards*, li kienu ser jibqgħu fl-Italja. Maurice qatta' ħafna xhur magħhom, fejn fost oħrajn kellhom jissieltu fost diffikultajiet kbar għal ħafna ġimgħat biex minn Napli jitilgħu sa Ravenna fil-battalja magħrufa ta' Monte Cassino.

Maurice rrakkonta li darba minnhom, waqt li kien qed iħares bit-tromba, induna li kien spiċċa f'post iżolat mill-*main unit* u kellu jċempel lil sħabu biex jiġu jgħinuh joħroġ minn dak il-post. Ir-risposta kienet li l-kollegi kollha tiegħu kienu rtiraw u li l-*area* kollha bejnu u bejn sħabu kienet spiċċat mimlija booby traps - bombi li jisplodu però mingħajr ma jagħmlu ħsara partikolari. Maurice ma ppanikkjax, anzi mexa lura lejn il-*unit* u fettillu jaħraq waħda minn dawk il-booby traps. Naturalment seħħet splużjoni kbira, u t-tobba mill-ewwel telqu jiġru bl-istreċers biex jaraw x'kien ġara. Malli d-duħħan iċċara, deher Maurice miexi kalm lejn sħabu totalment intier!

Wara li mar Ravenna, ir-reġiment ta' Maurice ġie trasferit fil-Greċja biex iwaqqfu milli tibda gwerra ċivili li kienet ser tqum bejn il-Partit Komunista u l-Partit Nazzjonalista. Meta s-sitwazzjoni kkalmat, il-Prim Ministru Ingliż Winston Churchill mar Ateni ħalli jipparteċipa fin-negozjati. It-taqsima ta' Maurice nkarigata biex tgħasses il-Prim Ministru fl-Ambaxxata

Brittannika. Waqt li t-truppi ta' Maurice kienu qegħdin jgħassu barra l-bini fejn kienu qed isiru d-diskussjonijiet, instemgħet sparatura mill-moħbi fil-viċin. Maurice, waqt li kien wieqaf ħdejn il-vettura armata tiegħu, hu dawwar l-azzarin lejn minfejn ġiet l-isparatura u waqt li kien qed jagħmel dan, laqat il-kejbil tal-grillu li spara xi erba' rawnds ġmielhom lejn l-Ambaxxata! Is-suldati mill-ewwel daħlu jiġru fil-vetturi armati tagħhom u ppuntaw il-kanuni lejn id-direzjoni ta' l-isparatura li ġrat mill-moħbi. B'hekk huma ndikaw li l-isparaturi li laqtu l-Ambaxxata kienu ġejjin mill-istess direzzjoni. U malli Churchill u l-konsulenti tiegħu ħarġu jiġru 'l barra mill-bini biex jaraw minn fejn kienu ġew dawk l-isparaturi, ħadu l-impressjoni li kienu ġew mill-isparatura mill-moħbi, u b'hekk Maurice ħelisha ħafif!

Lejn l-aħħar tal-gwerra, Maurice kien attenda diversi korsijiet fl-artillerija, fil-komunikazzjoni tar-radju, fil-mekkaniżmu u fil-liġi militari fis-*Sandhurst Military Academy*. Peress li issa Maurice kien laħaq Uffiċjal, kellu l-fakultà li jagħżel għal darb'oħra r-reġiment tiegħu. Huwa għażel għal darb'oħra reġiment affaxxinanti ekwivalenti għall-ieħor, is-*17/21st Lancers* - magħrufin ukoll bħala *'Death or Glory Boys'* u li l-emblema tagħhom hija ras ta' mewt flimkien ma' żewġ għadmiet imsallbin. Kien dan ir-reġiment li tniżżel fil-kotba ta' l-istorja għall-attakk infami tal-Battalja ta' Omdurman fl-1898, u fejn iż-żagħżugħ Winston Churchill kien ħa sehem meraviljożament u ddeskriviha b'mod ċar f'*The River War'*.



Dun Maurice waqt l-Ordinazzjoni tiegħu fl-1952 fil-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma.

Wara l-gwerra, Maurice attenda l-*Venerable English College* ġewwa Ruma mill-1947 sa l-1952, fejn irċieva s-sagrament tas-saċerdozju fit-12 ta' Diċembru ta' l-1952 fil-Bażilika ta' San Pietru. Hawnhekk attendew il-ġenituri tiegħu u ż-żewġ ħutu bniet.

Sena qabel ma' ħa l-ordinazzjoni, Maurice ppparteċipa f'irtir għas-Sotto-Djakonat li kien il-pass ta' qabel is-saċerdozju. Matul dan l-irtir, Maurice ħassu taħt pressjoni tremenda, tant li matul dik il-ġimgħa ma setgħax jorqod. Meta Maurice kien iħares lura lejn dak iż-żmien partikolari hu kien jidentifikah bħala l-perjodu ta' l-oriġini ta' l-attakki ta' l-emikranja li baqgħu jkidduh għall-bqija ta' ħajtu. Meta rritorna lejn is-Seminarju, Maurice xtaq ħafna li jispiċċa l-istudji u jibda



Dun Maurice f'Ruma ftit snin wara l-Ordinazzjoni tiegħu, flimkien ma' missieru Wyndham, oħtu Joan u ommu Julia.

l-ħidma tiegħu. U kien imbeżża' ħafna li ma jitħalliex jieħu l-ordinazzjoni, imma straħ meta sar jaf li is-supervajżer ta' l-irtir ma kien semma' xejn lill-amministraturi dwar il-problemi ta' saħħa li kellu.

Wara l-ordinazzjoni, Dun Maurice rritorna Malta u ċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu ġewwa l-kunvent tad-Dorotej fl-Imdina. Hawn kienet tgħallem oħtu, Joan, li sadanittant kienet laħqet soru. Wieħed mill-ewwel doveri tiegħu kien li jgħallem ir-Reliġjon fis-Seminarju Minuri fil-Floriana bejn l-1953 u l-1955. Ftit wara, l-Arċisqof Mikiel Gonzi ried jagħmel użu tajjeb mill-esperjenzi tiegħu u tah taħt idejh il-parroċċi ta' Ħal Tarxien u Paola, minħabba li kien hemm ħafna residenti membri tal-Forzi Armati u l-familji tagħhom li kienu jitkellmu bl-Ingliż. Eventwalment, Maurice ġie maħtur Kappillan ta' Ħal Far u żamm din il-kariga sa l-1965. Dan li ġej huwa parti minn artiklu f'gazzetta li omm Dun Maurice kienet iżżomm: *"Lura Malta, hu (Dun Maurice) kien maħtur uffiċjalment bħala Kappillan tal-bażi ta' l-Ajru Navali f'Ħal Far. Tenenti żgħażagħ kienu twajbin u ġenerużi lejn ir-Reverendu Malti tagħhom. Imbagħad, ftit ġimgħat wara, waqt ikla tas-suldati, huma dehru jħarsu imbeżża' għax Dun Grech kien deher liebes formali u b'qabda midalji madwar għonqu. It-tenenti żgħażagħ ma kellhomx midalja bejniethom kollha. Issa kien imiss lil Dun Grech ikun ġeneruż."*

F'dan iż-żmien, il-fakultajiet ta' Dun Maurice kienu ggarantiti direttament minn Ruma. Barra minn dawn id-doveri, il-*British Navy* għażlet lil Dun Maurice biex ikun il-Kappillan tal-*US Sixth Fleet* ġewwa Malta, li kien ifisser li għal xi ġranet kien ikollu jiċċelebra tliet quddisiet tal-Ħadd f'jum wieħed. Huwa malajr ġie mogħti l-libertà li jagħżel hu kif l-aħjar jista' jagħmel biex jilħaq il-bżonnijiet tal-familji, u b'dan ix-xogħol hu beda l-appostolat mal-Kattoliċi li kienu jitkellmu bl-Ingliż ġewwa Malta. Din il-ħidma kompliha sa l-1982.

Għal xi żmien qabel l-1956, Lady Angela Laycock, il-mara tal-Gvernatur ta' dak iż-żmien, esprimiet l-preokkupazzjonijiet tagħha ma' l-Arċisqof Mikiel Gonzi dwar l-kura pjuttost antikwata ta' l-orfni f'Malta, u kienet issuġġeriet li jinġieb espert Brittanniku hawn Malta biex



*Dun Maurice jippassiġġa fil-ġnien ta' Villa Grech Mifsud ma' l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi f'April 1963 wara ċelebrazzjoni b'tifkira tal-50 anniversarju tal-Kungress Ewkaristiku.*

jagħti xi pariri dwar din il-problema. F'Settembru ta' l-1956, l-Arċisqof talab lil Dun Maurice biex jieħu taħt idejh l-Orfni tad-Djoċesi f'Malta, li wara ġiet imsemmija bħala Kummissjoni għad-Djar tat-Tfal. Hu żamm din il-kariga għal 28 sena sħaħ.

Matul dan il-perjodu, Dun Maurice nieda ħafna inizjattivi għall-kura u s-superviżjoni ta' l-orfni f'Malta, u f'ħafna każijiet xorta waħda wettaq dawn il-bidliet allavolja sab xi opinjonijiet opposti min-naħa tas-sorijiet li qabel kienu dejjem jieħdu ħsieb l-orfni huma. Il-prinċipju wara l-attivitajiet tiegħu kien li jbiddel dak li qabel kienu istituzzjonijiet segregati u riġidi f'oqsma iżgħar bħal qishom gruppi ta' familji. U d-dormitorji kbar ta' tfal ta' l-istess sess u età, ġew maqsuma f'appartamenti żgħar li jakkomodaw gruppi żgħar ta' tfal ta' etajiet diversi. Jew kuntrarjament għal dak li kien isir qabel, jiġifieri li jiġu edukati għalihom fl-orfanatrofji, it-tfal ġew mogħtija uniformi u edukati ħafna minnhom fl-iskejjel tal-Gvern u f'xi każijiet fl-iskejjel privati. Lejn it-tmiem tal-pożizzjoni tiegħu, Dun Maurice rebaħ lil dawk li opponewh għax dawn issa bdew jaqblu ma' l-ideat tiegħu. U bħala konsegwenza, ħafna sorijiet ingħataw l-opportunità li jmorru barra minn Malta biex jistudjaw għal diplomi fir-*Residential Child Care*.

Aspett ieħor mill-ħidma tiegħu li għandu x'jaqsam mad-Djar tat-Tfal kien il-bżonn kontinwu tal-finanzi u biex jitwettqu numru ta' proġetti. Wara l-*Bread Fund*, li kienet ilha teżisti għal ħafna snin, Dun Maurice ħoloq ukoll il-*Meat Fund* fl-1969. Inizjalment din kienet tieħu ħsieb biex jinġabru fondi biżżejjed biex jiżguraw li t-tfal kollha jiġu mogħtija ikel xieraq b'ammont ta' proteini kuljum. F'okkażjonijiet oħra, fondi kienu bżonnjużi għal proġetti kapitali bħal kostruzzjoni ta' *Angela House* li kienet mibnija b'mod speċjali biex jissupplixxi lill-appartamenti ta' *'family units'* li kienu gruppi ta' tnax. Fl-1960 ġiet miftuħa *Fatima House* li oriġinarjament kienet tintuża bħala residenza għal dawk ix-xebbiet li kienu jaħdmu. Numru ta' dawn l-attivitajiet ta' fondi kienu jsiru fir-residenza ta' Dun Maurice innifsu fil-Mosta.

Dun Maurice żamm il-kariga ta' Direttur tad-Dar ta' San Ġużepp fil-Ħamrun mill-1961 sa l-1973. F'din l-istituzzjoni huwa ħa ħsieb li s-subien u l-ġuvintur li kienu taħt il-ħarsien tiegħu jitgħallmu sengħa biex ikunu kapaċi jgħixu b'mod indipendenti u ħajja xierqa. Għal din ir-raġuni, ħoloq diversi werkxops, fosthom stamperija li kienet tforni pubblikazzjonijiet lil lukandi rinomati, għal mastrudaxxa, skarpan, fejn jillegaw il-kotba, pompa tal-petrol u garaxx fejn jirranġaw il-karozzi.

Fl-1957 Dun Maurice kien responsabbli ukoll għal *Malta Catholic Adoption Society*.



*L-istess okkażjoni f'April 1963. Il-Kleru kollu u s-Seminaristi tal-Mosta flimkien ma' l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi fil-bitħa ta' Villa Grech Mifsud. Dun Maurice jidher eżatt wara Mons. Gonzi.*

L-1982 kienet prova ta' mument kritiku għal Dun Maurice. Wara l-mewt ta' ommu Julia, huwa ngħata l-permess li jitnaqqsulu ħafna mir-responsabilitajiet tiegħu u fittex kura medika ġewwa l-Ingilterra għal sentejn f'Londra, fejn kien jassisti l-*High Barnet Parish*. Fil-fatt din kienet speċi ta' pensjoni. Iżda meta Dun Maurice reġa' lura Malta, beda jinteressa ruħu ħafna fil-*Charismatic Renewal* - vokazzjoni li assumiet importanza kbira fl-aħħar parti ta' ħajtu. Fis-snin ta' wara, huwa waqqaf tliet *Prayer Groups* b'total ta' 150 membru, li kienu devoti lejh u lejn il-ħidma tiegħu magħhom.

Dawk li kienu jafu lil Dun Maurice malajr saru jafu bis-saħħa prekarja u l-emikranja li kienet tkiddu tul il-parti kbira ta' ħajtu bħala adult. Fl-1996, Dun Maurice kien spjega lill-awtur

innifsu, l-attitudni tiegħu lejn dawn l-emikranji kif kienet tkun: darba waħda, waqt li kien qed iħares lejn is-Sagrament Imqaddes u jipprepara għall-quddiesa, kellu uġigħ kbir f'rasu tant li ma setax jiffoka għajnejh, iżda immedjatament ġie ispirat minn intelliġenza kbira ta' kemm kien ipprivileġġat li jbati s-sofferenza flimkien ma' Ġesù. It-tifsira ta' dan il-fenomenu kien wieħed verament qawwi u reali tant li immedjatament l-uġigħ ta' ras telaq u għalhekk setgħa jiċċelebra l-quddiesa dakinhar. Wara ftakar fil-kliem ta' San Pawl dwar dawk l-affarijiet li "kienu nieqsa fit-tbatija ta' Kristu" u din il-frażi fehemha li bħala umani, it-tbatija tagħna tista' tkompli l-ħidma tar-Redenzjoni ta' Kristu. Dun Maurice kien iqis it-tbatija bħala aspett spirtiwali u pożittiv. Tant li b'riżultat ta' dan, Dun Maurice fetaħ qalbu ma' l-awtur stess, u qallu "li m'hiniex beżgħan mill-mewt, anzi qiegħed fuq ix-xwiek li tasal".



*Dun Maurice (lemin) waqt li qed jieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira lejn l-aħħar tal-ħamsinijiet. Jidhru wkoll Dun Salv Zammit (xellug) u Dun Salv Magro.*

Fl-1976, Dun Maurice ġie maħtur Kappillan Onorarju tal-Papa u fl-1985 ġie maħtur *Domestic Prelate*, u aktar tard ħa l-ħatra bħala *Pronotary Apostolic*.

Mons. Maurice Grech miet nhar is-Sibt, 5 t'April 2003.

RAY'S
Woodworks

Għal kull xogħol
ta'
Għamara u Aperturi

Prop: Raymond Borg

Triq is-Sriedaq, Mosta
Tel: **21 411508**
Mob: **9946 2612**

DINO'S YARD
Japan imports specialists

**We import all kind of vehicles and parts from Japan. Please come and talk to us to choose a vehicle from our stock, and we will arrange the best price and conditions for you.**

**Dino's Yard**
Mosta Road, Lija BZN 09
*(Near Lija Cemetery)*
Tel: 21 485301